# L-GĦARB FI ŻMIEN IL-VIŻTA PASTORALI TA' MONSINJUR PIETRU DUSINA (1575)

Joseph Galea MD FRCS (CTh)

Fis-sena 1575 il-kattoliċi Franċiżi u l-Huguenots iffirmaw ftehim bejniethom u waqaf il-ġlied[1]. Stiefnu Bathory ġie nkurunat re tal-Polonja wara li r-re Neriku ħarab biex sar sultan ta'Franza[2]. Spanja falliet u ma kelliex biex tħallas is-suldati tagħha li kienu jiġġieldu fl-Olanda[3]. Kien f'dik is-sena wkoll li s-sidien tal-minjieri tal-Ungerija abolixxew ix-xogħol tat-tfal[4]. Fl-Italja Torquatto Tasso[5] spiċċa jikteb il-poeżija 'Gerusalemme Liberata' li tittratta fuq l-ewwel Kruċjata u Tizjanu pitter il-kapolavur tiegħu 'Lo Scuoiamento di Marsia' bil-malti 'It-Tqaxxir ta' Marsja'[6].

Għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir, Malta u Għawdex kienu bdew jieħdu r-ruħ. Il-belt Valletta kienet qiegħda tinbena b'pass mgħaġġel. Inbnew is-swar li dawru l-belt u l-bereġ tal-kavalieri kienu telgħin ġmielhom. Il-palazz kien tlesta u l-Granmastru Jean Levesque de la Cassiere (1572-1581) (Figura 1) kien jgħammar fih[7]. Ix-xogħol fuq l-knisja konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann taħt id-direzzjoni tal-arkitett Malti Ġlormu Cassar kien miexi sew. Il-Granmastru kellu nkwiet kbir mal-Isqof Martino Royas (Figura 2) li kien ilu isqof ta' Malta mil-1572 u Inkwizitur mil-1573[8,9]. Royas kien jipprova jindaħal f'kollox u jfittex ix-xagħra fl-għaġina f'kull każ u għamel ħafna għedewwa mil-kavallieri. Il-Granmastru opponieh bil-qawwa u pprova jkeċċieh minn Malta. Il-qiegħa tant saħnet li Royas akkuża lil Granmastru li pprova javvelenah biex joqtlu u bagħat jixlih lil Papa Gregorju XIII mal-vigarju ġenerali l-Kanonku Simone Bonnici. Il-Granmastru nduna b'dan u bagħat in-nies tiegħu Sqallija fejn interċettaw lill-Kanonku Bonnici u bagħtuh lura Malta[10]. Il-Papa sema' b'dan id-diżgwid bejn iż-żewġ kapijiet tat-tliet awtoritajiet f'Malta, ħatar lill-Monsinjur Pietru Dusina inkwiżitur tal-gżira u bagħtu sabiex jindaga u jikkontrolla s-sitwazzjoni. Dan il-Prelat wasal Malta fl-1 t'Awwissu 1574. Monsinjur Dusina (Figura 3) fuq ordni tal-Papa għamel viżta pastorali fil-gżejjer Maltin bejn 21ta' Jannar u t-12 ta' Marzu 1575 biex jara li r-riformi tal-Konċilju ta' Trentu li kien sar 12-il-sena qabel kienu qiegħdin jitwettqu[11].



*Figura 1. Jean l'Evêque de la Cassière*

Ħamsa u għoxrin sena qabel il-popolazzjoni kollha t'Għawdex kienet tkaxxkret għal fuq l-iġfna torok u meħuda fil-jasar. Għawdex kien bil-mod il-mod ġej f'tiegħu billi xi nies minn Malta qasmu biex jgħixu f'Għawdex u bir-riskatt ta' Isiera Għawdxin għalkemm il-popolazzjoni tal-gżira ħadet mal-ħamsin sena oħra biex tilħaq il-livell ta' qabel it-traġedja tal-1551. L-abitanti kienu joqgħodu qrib il-kastell għaliex il-biża mil-furbani kienet kbira.



*Figura 2. L-Isqof Martinu Royas*



*Figura 3. Monsinjur Pietru Dusina*

Dusina wasal Għawdex il-Ħadd 13 ta' Frar 1575 u kien akkumpanjat mil-Patri Dumnikan Damjanu Taliana,[13] duttur tat-tejoloġija minn Ħal-Luqa biex jgħinu bħala interpretu. Beda billi żar il-Knisja fil-kastell ddedikata lill-Assunta. Fil-ġranet ta' wara Dusina beda jdur il-kappelli u l-knejjes li kien hemm fir-Rabat u fil-kampanja.

Żar ukoll l-uniku sptar li kien hemm Għawdex[14]. Kien sptar żgħir msejjaħ San Ġiljan li kien jikkonsisti fi ftit djar żgħar kif tidħol ġewwa l-Kastell. Iżda Dusina sab li minflok kien post għall-morda kien qiegħed jintuża bħala ħabs u ma kienx hemm tagħmir u sodod għall-kura tal-morda. Tistgħu taħsbu kemm irrabja Dusina u ordna li l-isptar ma jista' jintuża għal xejn iżjed barra sptar u li żewġ sodod mgħammra sew bil-kutri għandhom jiġu pprovduti mil-qliegħ ta' 3 skudi fis-sena li kellu l-isptar. F'Għawdex fiż-żmien tal-viżta l-iskola waħdenija ma kelliex 'maestro di scuola' għax ma kienx hemm fondi biex jitħallas.

Il-Viżitatur Apostoliku sar jaf li l-kappillan tar-Rabat Dun Lawrenz Apap kien għamel xi żmien jaħdem ta' nutar. Dan wissieh li skont il-Konċilju ta' Trentu dan ma jistax jagħmlu u li jekk ikompli, jiġi sospiż[15]. Dusina tkellem kontra li t-tfal jorqdu f'nofs il-ġenituri għaliex jistgħu jitgħaffġu[16].

Meta dar il-kappelli u l-knejjes huwa sab ħafna ħsara f'uħud minnhom. F'Għawdex biss ipprofana tlettax il-kappella[16]. Ir-raġunijiet kienu li l-qliegħ tagħhom ma kienx biżżejjed biex jiġu miżmuma u




*Figura 4. Mappa ta' Malta u Għawdex tal-1576 (Petri & Münster)12*

rranġati, oħrajn għax kienu żgħar ħafna jew kellhom ħsara kbira, kienu perikolużi jew ma kienux xierqa biex titqaddes il-quddiesa fihom. Ordna li bibien jitwaħħlu biex l-annimali ma jidħlux ġo fihom, jitgħattew il-fontijiet tal-magħmudija , jinbnew oqbra ġodda u jitwaħħlu slaleb f'postijiet sagri fejn qabel kien hemm kappelli li kienu ġġarfu. Ħeġġeġ lil kulħadd għal indafa fid-djar t'Alla, amar li l-art tal-knejjes titnaddaf mil-anqas darba f'ġimgħa u ħareġ instruzzjonijiet biex ir-retturi ta' dawn il-knejjes, kappelli u kunventi jirrispettaw id-deċiżjonijiet tal-Koncilju ta' Trentu.

In-nies kienu jgħixu minn dak li tagħti l-art u ħafna mir-raba fil-punent t'Għawdex jew l-Għarb kien jinħadem. L-irziezet u d-djar kienu jinbnew ħdejn xulxin fi gruppi żgħar f'lokalitajiet diversi iżda maqtugħin minn xulxin. Allura fix-xaqliba tal-Għarb kien hemm insedjamenti żgħar f'Santu Pietru qrib il-knisja taż-Żejt, Wara t'Għammar, Birbuba, Wied il-Mielaħ, Ta' Ciangura, id-Dwejra u ta' Nawrata. F'kull waħda minn dawn il-lokalitajiet kien ikun hemm kappella jew kappelli.

Il-kappelli u knejjes li nviżta Dusina fl-Għarb u miġjuba hawn u t-tagħrif meħud min-notamenti li għamel fil-viżta.

**Sant Anastasja[17]**

Fit-triq li tieħu mir-Rabat għall-Għarb kien hemm kappella ddedikata lil Santa Anastasja. Meta żarha Dusina sab li ma kelliex bieb għax kien insteraq mit-Torok u l-anqas rettur (ma nsteraqx mit-Torok). Il-knisja kienet sħiħa u Pawlu d'Avola kien jieħu ħsieb żewġt itmien raba li kellha din il-knisja biex issir quddiesa fil-ġurnata tal-festa tal-qaddisa u biex tissewwa l-knisja meta jkun hemm bżonn. Il-Mibgħut tal-Papa ordna li jsirilha bieb tal-injam fi żmien xahar taħt piena ta' għaxar skudi lill-knisja parrokjali.

**San Nikola[18]**

Fil-post li għadna sal-lum ngħidulu 'San Niklaw' fuq il-ġenb li jħares lejn il-Lvant tal-għolja ta' Dbieġi, kien hemm kappella ddedikata lil San Nikola li kellha benefiċċju sempliċi. Ir-rettur tagħha kien Dun Lejonardu Agius u kienet tipposiedi sitt itmien raba bl-obbligazzjoni li ssir quddiesa f'jum il-festa ta' San Nikola (6 ta' Diċembru) u jitqassam il-ħobż magħmul minn żewġt itmien qamħ lill-fqar fl-istess ġurnata. Dun Lejonardu kellu jara li dan iseħħ u jieħu ħsieb it-tiswija tal-knisja. Dusina sab li l-knisja ma kelliex bieb tal-injam u ornamenti oħra. Għalhekk ordna li jsirilha bieb tal-injam f'inqas minn xahar bil-piena t'għaxar skudi jekk dan ma jseħħx.

**San Nikola tad-Dwejra[19]**

Fid-Dwejra kien hemm kappella oħra ddedikata lil San Nikola Din kienet tgawdi minn benefizzju mħolli minn Dun Cesare Caravaschino iżda fi żmien il-viżta ta Dusina kienet imwaqqa'. Għalhekk dan ordna lil Dun Leonardu Agius, ir-rettur tal-knisja li kienet tipposiedi *lenza unam terreni* sabiex jibni l-knisja mil-ġdid u wara li jkun lestieha iqassam żewġ t'itmien qamħ f'ħobż lill-fqar u jiċċelebra quddiesa fil-festa tal qaddis patrun tagħha.

**Santa Marija[20]**

Fid-Dwejra ukoll kien hemm kappella ddedikata lill-Assunta u kienet propjeata' tal-Katidral tal-Imdina. Kienu jitkantaw il-vespri u quddiesa kantata f'jum il-festa u jitqassam il-ħobż lill-fqar.

**Knejjes f'Wied il-Mielaħ**

In-naħa ta' Wied il-Mielaħ kien hemm żewġ kappelli waħda ddedikata lis-Salvatur u oħra lil Sant Anna.

Il-knisja tas-Salvatur[21] kellha bieb tal-injam iżda ma kelliex rettur u minfloku kien jieħu ħsieb tlett itmien raba li kellha l-knisja ċertu Pawlu Parnis. Dawn kienu mħolliha mil-mejjet Pietro Frontina sabiex f'jum il-festa tas-Salvatur issir quddiesa fil-kappella u fl'istess jum jitqassam il-ħobż magħmul minn tomna qamħ lil fqar tal-inħawi. Kien hemm ukoll l-obbligazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja. Din il-knisja kienet mibnija minn Indri Apap minflokk knisja oħra ddedikata lil Santa Marija[22].

Il-kappella ta' Sant Anna[23] ġiet imwaqqfa mil-mejjet Pietru Frontina li ħalla biċċa art ta' tlett itmien bil-patt li ssir quddiesa nhar il-festa ta' Sant Anna u biex jissewwew xi ħsarat li ġġarrab il-knisja. Billi il-knisja ma kelliex rettur kien jieħu ħsieb ir-raba tagħha u l-obbligi li kellha ċertu Indri Apap. Il-kappella ma kelliex bieb tal-injam u l-anqas ornamenti oħra. Il-Viżitatur Appostoliku ordna lil Apap biex iwaħħal bieb tal-injam fil-knisja fi żmien xahar b'piena ta' għaxar skudi li kellhom jitħallsu lill-knisja parrokkjali tar-Rabat.

**San Lejonardu[24]**

Fil-lokalita' t'Għammar minflokk il-kappella ta' San Publiju li hemm illum kien hemm kappella ddedikata lil San Lejonardu. Din waqqafha Mattew Ciarando, li ħalla tlett itmien raba legat biex tiġi ċċelebrata quddiesa




*Figura 5. Il-kappelli fi-distrett tal-Għarb fi żmien Dusina*

nhar il-festa tal-qaddis u biex tiġi restawrata l-knisja. Il-kappella ma kelliex rettur iżda iben l-imsemmi Mattew u eredi tiegħu kien qiegħed jieħu ħsieb ir-raba u l-obbligi marbuta magħha. Kellha bieb tal-injam kien jagħlaq il-kappella u kienet mgħammra b' artal iżda mingħajr ornamenti oħra. Kienet isservi ta' knisja parrokkjali għan-nies tal-inħawi.

**L-Assunta tal-Gentili[25]**

Il-knisja ta' Pinu fl-1575 kienet kappella msejjħa ta' Gentile għaliex giet mibnija mil-familja bl-istess isem u li ħalliet legat ta' tomna raba biex tkun iċċelebrata quddiesa nhar Santa Marija u biex jissewwew xi ħsarat li l-knisja tkun ġarrbet. Mattew De Manuele li kien jaħdem l-art qal li l-piż ma kienx sodisfaċenti u l-knisja kienet waqgħet. Dusina pprofana din il-knisja u għadda l-beni tagħha lill-knisja parrokkjali u bil-beni tagħha tħallset pittura tal-Assunta fuq artal ta' din il-knisja.

**San Lawrenz[26]**

Fejn illum hemm il-qalba tar-raħal ta' San Lawrenz kien jissejjaħ 'Ta' Ciangura' u kien hemm knisja iddedikata lil San Lawrenz imwaqqfa minn Franġisk Palmieri li ħallielha benefiċċju ta' 4 itmien raba bil-piż li jssir quddiesa nhar il-festa ta' San Lawrenz martri u li jsiru t-tiswijiet neċessarji fil-knisja. Il-knisja ma kelliex rettur iżda dan l-inkarigu kien qiegħed jagħmlu l-Kjeriku Ġwanni Theobaldu li kien jieħu ħsieb ir-raba tal-knisja li ssemma fuq. Il-knisja kellha bieb, altar u saqaf.

**San Dimitri[27]**

IL-kappella ta' San Dimitri ta'dak iż-żmien li kienet fil-post li hemm il-knisja tal-lum kellha benifiċċju semplici li kien jieħu ħsiebu Dun Ġużepp Bellia bi dħul ta' ħames unċi fuq l-art kollha. Dawn kienu jintużaw biex jitħallsu żewġ rollijiet xama' lit-Teżorier tal-Knisja ta' Malta. Id-Delegat Appostoliku sab li ma kelliex bieb u ornamenti u parti mil-ħitan kienu waqgħu u ordna li tissewwa l-ħsara u jitwaħħal bieb fi żmien xagħrejn taħt piena ta' għoxrin skud lil knisja parrokkjali. Dawn il-flus kellhom jiġu mwarrba sakemm l-obbligazzjonijiet t'hawn fuq jiġu sodisfatti. Din il-kappella kienet inbniet fil-ħmistax il-seklu mir-reverendu Franġisku Depena[28].

**Knisja tal-Assunta**[29]

Fl-inħawi tal-Madliena (li tinsab fil-Wied kienet tinsab kappella ddedikata lill-Marija mtellgħa s-sema. Din kienet mibnija mil-mejjet Andreottu Theobaldus li ħallielha erba' t'itmien raba bil-patt li titqaddes quddiesa fil-festa tal-Assunta u biex l-ħsara li ssirha tiġi rranġata. Ma kelliex rettur u kienet waqgħet għaliex il-kjeriku Ġanni Theobaldus, prokuratur ta' din il-knisja qal li l-qliegħ ma kienx biżejjed għat-tiswija tagħha. Il-knisja ġiet profanata skond ir-rit tal-Konċilju ta' Trentu u l-obligazzjonijiet ġew trasferiti għall-knisja parrokkjali fejn kellu jinbena artal iddedikat lill-Assunta b'pittura tal-istess devozzjoni fuqu.

**Santa Marija tal-Virtut**[30]

Il-knisja tal-Madonna tal-Virtut jew taż-Żejt kienet iddedikata lill-Viżitazzjoni ta' Marija lil Elizabetta u fi żmien il-viżta ta' Dusina kellha bieb tal-injam u artal u kienet miżmuma tajjeb min kjeriku iben Majanu Vella li kien iħallas l-ispejjeż tagħha mil-qliegħ ta' nofs tomna raba. Kien obbligat li jieħu ħsieb li ssir quddiesa nhar il-festa tal-Viżitazzjoni u jara li jsiru t-tiswijiet neċessarji. Il-prokuratur tagħha kien Ġanni Theobaldus. Din il-knisja ma kienx ilha li nbniet minflokk waħda eqdem li kienet waqgħet u ġiet ikkundanata 21 sena qabel fl-1554[31].

Hemm kappelli oħra fl-Għarb li ma jsemmix Dusina iżda huma msemmiha f'manuskritti eqdem mil-miġja tiegħu. Jista' jkun li biċċa minnhom kienu nqerdu u oħrajn li nqabbżu. Fuq il-quċċata tal-għolja ta' Dbieġi kien hemm knisja ddedikata lill-Assunta. Din inbniet fl-1432 mis-Sinjura Esmeralda l-mara ta' Antonio Vagnolo[32]. Fl-1446 u kienet popolari ħafna għaliex kellha beni biżżejjed biex issir quddiesa fil-ġimgħa[33]. Fl-1552 Dun Anton Manduca ngħata t-titlu tagħha. Kienet waħda mil-ftit knejjes li kellhom qanpiena fuq il-bejt. Għalkemm ma kinitx imsemmiha fil-viżta ta' Dusina issemmiet fil-viżta pastorali tal-1615 nafu li kien ilha teżisti sa mil-1432. L-Għarb kellu ukoll kappelli li nbnew fil-medju evu u kellhom xejra biżantina. Dawn huma l-kappella ta' San Ċier[34] (Ċiru) li kienet fejn illum ngħidulu Ta' Senċier bejn l-Għarb u San Lawrenz, San Dimitri u San Ġorġ li kien hemm fil-Qasam ta' San Ġorg[35]. Fil-post li illum huwa msejjaħ San Katald, kien hemm kappella ddedikata lil San Katald li inbniet qabel 1551[36]. Kellha 3 mdiet raba x-Xgħajra[37], fl-Għarb stess. Fid-Dwejra kien hemm kappella ta' Santa Marija Madalena[38] u f'Santu Pietru kien hemm knisja ddedikata lil dan il-qaddis kienet mżejna b'zuntier u kellha żewġ itmien raba f'San Dimitri[39]. Kien hemm ukoll knisja tal-Assunta[40] fejn hemm iċ-ċentru tar-raħal illum. Kien hemm iżjed kappelli fl-Għarb matul iż-żminijiet iżda billi ma ssemmgħux fil-Viżta ta' Dusina ma nistax ngħid li kienu jeżistu dak iż-żmien. Dawn jinkludu Kappella ta' San Anton Abbati 'tal-Ħanżira f'Birbuba[41], tlett kappelli oħra ddedikati lill-Viżitazzjoni[42], oħra lil San Ġiljan magħrufa bħala 'ta' Kalamja'[43], oħra lil Madonna Tad-Dawl[44] u oħra lil San Mikiel[45] u waħda Wied il-Mielaħ lil Santa Sofija[46].

Morna lura 450 sena u rajna din l-art li nimxu fuqha kuljum kif kienet b'dawn ix-xeni ta' kappelli mxerdin minn tarf sa tarf ta' pajjiżna u megħjuna mit-tagħrif li ħallewlna u magħha nżidu xi ftit l-immaġinazzjoni tagħna nduqu ftit mil-ħajja li għexu missierijietna fuq din l-art ħelwa u ħanina.

**Referenzi**


1. Holt, Mack P. (2005). *The French wars of religion, 1562-1629.* Cambridge
2. http://en.poland.gov.pl/Stefan,Batory,(1533,–,1586),1959.html (accessed 13th July 2012
3. Geyl, Pieter. (1932), *The Revolt of the Netherlands, 1555–1609.* Williams & Norgate, UK.
4. http://timelines.ws/countries/HUNGARY.HTML (accessed 13th July 2012)
5. Chisholm, Hugh, ed. (1911). "Tasso, Torquato". *Encyclopædia Britannica* (11th ed.). Cambridge University Press.
6. Giorgio Vasari. (1994) *Vita di Tiziano*, Edizioni Studio Tesi.
7. Galea Michael.(1994) *Jean Levesque De La Cassiere* (1572 – 1581)
8. Grima J. F. (2001) *Żmien il-Kavallieri F' Malta 1530-1798*
9. Laferia, A. V. (1989) *The Story of Man in Malta*, Vol. 1, paġ 91.
10. Micallef J. (1975) Ħal-Luqa, Niesha u Ġrajjietha.
11. Aquilina George, Fiorini Stanley. (2001) Documentary Sources of Maltese History (Part IV:Documents at the Vatican) No1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no 51 Mgr Petrus Dusina paġ xix.
12. Ganado Albert.(2009) Miniature Maps of Malta. Malta paġ 91
13. Ibid paġ 135
14. Ibid paġ 139
15. Ibid paġ 138
16. Cassar Pullicino Joseph. *Malta in 1575: Social Aspects of an Apostolic Visit.* Melita Historica vol 2 (1956) paġ 19-41.
17. Aquilina George op.cit paġ 189.
18. Ibid paġ 189
19. Ibid paġ 189.
20. Dusina P. Visitatio Appostolica 1575 f.180v.
21. Ibid f.185
22. Farrugia G. *Għawdex bil-Ġrajja tiegħu.* (Malta, 1953) It-tieni ktieb paġ 26.
23. Aquilina George op.cit paġ 190.
24. Ibid paġ 190.
25. Ibid paġ 190.
26. Ibid paġ 193.
27. Ibid paġ 190
28. Ferris Achille. (1868) *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* (Malta) paġ 582.
29. Aquilina George op.cit paġ 194.
30. Ibid paġ 194
31. Mifsud Pelagio.Archives of Cathedral Museum. Manuscript 55 f119V
32. Farrugia G. op.cit paġ 72.
33. Indri de Beniamin, Atti, 19 Mejju 1446.
34. Mifsud P op.cit. f.131v
35. Farrugia G. op.cit. paġ 70.
36. Ibid paġ 69.
37. Mifsud P op.cit. f.131r
38. Farrugia G. op.cit. paġ 27.
39. Mifsud P op.cit. f.130v
40. Farrugia G. op.cit. paġ 71.
41. Mifsud P op.cit. f.130v
42. Farrugia G. op.cit. paġ 73
43. Mifsud P op.cit. f.130v
44. Farrugia G. op.cit. paġ 75
45. Ibid paġ 76.
46. Ibid paġ 77.



CERAMIC ART GALLERY

The original GOZO POTTERY BARN

Ta' Dbiegi Crafts Village,
Gharb, GRB 1104,
Gozo - Malta

**Tel:** +356 2155 3636
**Mob:** +356 9942 5490
**Web:** www.gozopotterybarn.com
**Email:** gozopotterybarn@gmail.com